

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Vassiliki Labiri hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 213, 3.7.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2018 – TE vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-392/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Ftuħ ta’ investigazzjoni esterna mill-OLAF — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2018/C 328/66)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: TE (rappreżentant: J. Bartončík, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u Z. Malůšková, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-ftuħ ta’ investigazzjoni esterna, imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) [kunfidenzjali] ⁽²⁾, kontra r-rikorrent bħala persuna kkonċernata u relatata ma’ [kunfidenzjali].

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *TE għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 293, 4.9.2017.

⁽²⁾ Data kunfidenzjali moħbija.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – roelliroelli confectionery schweiz vs EUIPO – Tanner (ALPRAUSCH)

(Kawża T-769/17) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal – Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Dikjarazzjoni ta’ revoka tat-trade mark opposta — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2018/C 328/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: roelliroelli confectionery schweiz GmbH (St. Gallen, l-Isvizzera) (rappreżentanti: S. Overhage u R. Böhm, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: André Tanner (Schindellegi, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Awwissu 2017 (Każ R 1596/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn André Tanner u roelliroelli confectionery schweiz GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) roelliroelli confectionery schweiz GmbH u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 22, 22.1.2018.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – GE Healthcare vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-783/17 R)

(“*Proċeduri għal miżuri provviżorji — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Direttiva 2001/83/KE — Sospensjoni ta’ awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta’ prodotti ta’ kuntrast li fihom il-gadolinium għall-użu mill-bniedem — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza*”)

(2018/C 328/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GE Healthcare A/S (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentanti: D. Scannell, barrister, G. Castle u S. Oryszczuk, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mifsud-Bonnici u A. Sipos, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 7941 finali, tat-23 ta' Novembru 2017, li tikkonċerna, fil-kuntest tal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' kuntrast li fihom il-gadolinium għall-użu mill-bniedem li fihom waħda jew iktar mis-sustanzi attivi gadobenice acid, gadobutrol, gadodiamide, gadopentetic acid, gadoteric acid, gadoteridol, gadoversetamide u gadoxetic acid.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
 - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
-